**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Frar 2018**

**Talba Nru: 338/17 CZ**

**Bank of Valletta p.l.c. C 2833**

**vs.**

**Darren Vella**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-4 t'Awwissu 2017 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' erbat'elef, sitt mija u sittax-il Euro u tlieta u hamsin centezmu (€4,616.53) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c., (Dok. A) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-24 ta' Lulju 2017 sal-jum

tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 8 t'Ottubru 2015 (Dok. B) u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment.

Illi, interpellat sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, il-konvenut baqa' inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Illi s-socjeta' attrici qed tipprezenta wkoll affidavit skond il-ligi hawn anness u mmarkat Dok. C.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-bank attur fis-seduta tal-5ta' Frar 2017.

Ra l-affidavit ta' Johanna Bartolo.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici

s-somma ta’ erbat’elef, sitt mija u sittax-il Euro u tlieta u hamsin centezmu (€4,616.53) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kif mitluba, u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu’

Deputat Registratur